# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud.Rel.; Dip. Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-16 ta' Dicembru, 2015.**

**Rikors Numru 875/2015 SM**

***Jimcan Enterprises Limited***
**(C – 18640)**

**vs.**

**Wardija Garage Company Limited**
**(C - 18218)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-18 ta' Settembru, 2015, li permezz tieghu r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi s-socjeta` intimata hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' tlettax -il elf, mija tlieta u ghoxrin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu, (€13,123.21), bilanc minn

somma akbar ghal *spray* ta' karozzi, *masking tape*, u oggetti ohra mibjugha u kkonsenjati lilha mis-socjeta` rikorrenti;

1.2. Illi l-ahhar pagament effettwat mis-socjeta` intimata lil dik rikorrenti kien effettwat fit-12 ta' Lulju, 2012;

1.3. Illi *nonostante* li debitament interpellata biex thallas l-ammont dovut, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti, anke *nonostante* li ammettiet li ghandha taghti l-istess ammont;

1.4. Illi ghaldaqstant aderiet din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.4.1. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' €13,123.21, bilanc minn somma akbar, prezz ta' zebgha, *spray* tal-karozzi, *masking tape*, u oggetti ohra relatati lilha mibjugha u kkonsenjati, flimkien ma' l-imghaxijiet mit-3 ta' Settembru, 2014, sad-data ta' l-effettiv pagament;

1.4.2. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Rat in-nota t'ammissjoni tas-socjeta` intimata, datata l-15 ta' Dicembru, 2015, (ara foll 21);

3. Illi in vista tal-premess tqies li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi;

**DECIDE:**

4.0. Illi konsegwentement:

4.1. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' €13,123.21, bilanc minn somma akbar ghal zebgha u oggetti ohra indikati fl-istess rikors guramentat promotur lilha mibjugha u kkonsenjati,

flimkien ma’ l-imghaxijiet skont il-ligi mit-3 ta’ Settembru, 2014, sad-data ta’ l-effettiv pagament;

4.2. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra s-socjeta` intimata.

___________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**